

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tad-9 ta' Lulju 2014

li tħassar id-Deċiżjoni BĊE/2013/22 dwar miżuri temporanji fir-rigward tal-eliġibbiltà ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti bis-sħiħ mir-Repubblika ta' Ċipru u d-Deċiżjoni BĊE/2013/36 dwar miżuri temporanji addizzjonali fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-Eurosistema u l-eliġibbiltà tal-kollateral

(BĊE/2014/32)

(2014/527/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 3.1, l-Artikolu 12.1, l-Artikolu 18 u t-tieni inċiż tal-Artikolu 34.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Linja Gwida BĊE/2011/14 tal-20 ta' Settembru 2011 dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja tal-Eurosistema ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-Taqsima 1.6 u t-Taqsimiet 6.3.1 u 6.3.2 tal-Anness I tagħha,

Billi:

- (1) Il-kontenut tad-Deċiżjonijiet BĊE/2013/22 ⁽²⁾ u BĊE/2013/36 ⁽³⁾ għandu jiġi inkluż fil-Linja Gwida BĊE/2013/4 ⁽⁴⁾, l-att legali prinċipali li jirregola miżuri temporanji relatati ma' operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-Eurosistema u l-eliġibbiltà tal-kollateral.
- (2) Fl-interess taċ-ċarezza u l-konsistenza u bil-għan li jiġi ssimplifikat il-qafas tal-kollateral tal-Eurosistema, dawn il-passi huma implimentati permezz ta' riformulazzjoni tal-Linja Gwida BĊE/2013/4.
- (3) Id-Deċiżjonijiet BĊE/2013/22 u BĊE/2013/36 għalhekk għandhom jitħassru,

AdoTtA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Tħassir tad-Deċiżjonijiet BĊE/2013/22 u BĊE/2013/36

1. Id-Deċiżjonijiet BĊE/2013/22/KE u BĊE/2013/36/KE għandhom jitħassru b'effett mill-20 ta' Awwissu 2014.
2. Referenzi għad-Deċiżjonijiet imħassra għandhom jinftehm u bħala referenzi għal-Linja Gwida BĊE/2014/31.

⁽¹⁾ ĠUL 331, 14.12.2011, p. 1.

⁽²⁾ Deċiżjoni BĊE/2013/22 tal-5 ta' Lulju 2013 dwar miżuri temporanji fir-rigward tal-eliġibbiltà ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti bis-sħiħ mir-Repubblika ta' Ċipru (ĠUL 195 18.7.2013, p. 27).

⁽³⁾ Deċiżjoni BĊE/2013/36 tas-26 ta' Settembru 2013 dwar miżuri addizzjonali fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-Eurosistema u l-eliġibbiltà tal-kollateral (ĠUL 301, 12.11.2013, p. 13).

⁽⁴⁾ Linja Gwida BĊE/2013/4 tal-20 ta' Marzu 2013 dwar miżuri temporanji addizzjonali fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-Eurosistema u l-eliġibbiltà tal-kollateral u li temenda l-Linja Gwida BĊE/2007/9, ĠUL 95, 5.4.2013, p. 23.

*Artikolu 2***Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Lulju 2014.

Magħmula fi Frankfurt am Main, id-9 ta' Lulju 2014.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI
